

# Il-Vista Pastorali f'Ħal Kirkop tal-1600

*Horatio Caesar Roger Vella**

Din il-vista li l-Isqof Tommaso Gargallo għamel *in absentia* f'Ħal Kirkop meta kien parroċċa, seħħet fis-6 ta' Diċembru, 1600. Il-Kappillan tar-raħal kien għadu Dun Karlu Taliana. Ser nagħti t-traskrizzjoni tar-rapport ta' din il-vista pastorali u t-traduzzjoni tiegħi tagħha kif ġej:

// [f.371] // Visitatio Parrochialis Ecc[lesiae]

Casalis Percop[ii] sub tit[ul]o S[anc]ti Leonardi

Die sexto Decembris 1600 celebratur festu[m] S[anc]ti Nicolai pontificis, Idem D[omi]ni impedito p[er]libato R[everendissi]mo D[omi]no e[pisco]po Assesseru[n]t Ad Casale Percop In quo nuper est erecta eccl[es]ia parrochialis cui Intitulat[ur] S[anc]tus Leonardus Confessor, et Ingressi Accepta aqua benedicta Audiitq[ue] sacro celebrato per R[everen]du[m] Don Carolu[m] Taliana eiusdem eccl[es]iae parrochu[m].

Visitaru[n]t S[anctissi]mu[m] Eucharistiae Sacrame[n]tu[m] In piside Argenti deaurata Asservatum Intea tabernaculum ligneu[m] Intrinsecus serico rubei coloris fulcit[um] extrinsecus vero deauratu[m], ac velatum cortina pendenti, In eodem tabernaculo Inventa est qu<a>edam bweula lignea deaurata In qua defertur sacra[men]tu[m] ad Infirmos, quia Aliam argenti non habe[n]t eo q[uod] est nup[er] erecta dicta parrochialis eccl[es]ia et pecunias ut retulit dictus cappellanus no[n] habuisse unde posse[n]t Illam co[n]ficere.

Ante dictum San[ctissi]mu[m] sacra[men]tu[m] eucharistiae sunt tres lampades quarum media co[n]tinuo accenditur reliqu<a>e vero du<a>e accendunt[ur] In diebus dominicis et festis de pr<a>ecepto, el<e>emosinis collectis qu<a>e fiant à populo dict<a>e parrochi<a>e.

Item visitaru[n]t olea sacra Asservata In quadam Arcula eburnea, et vas In quo est oleum Infirmor[um] est stagneum, reliqua vero vasa disiuncta ole cathecumenoru[m] et chrismatis sunt simil[ite]r stagni // [f.371v.] // qu<a>e quidem olea reposita su[n]t inter fenestram In et Altare maius ad latus dextru[m] fulcit[um] tela c<a>erule<a>, coloris cum cortina serica pendente viridis coloris.

Item visitaru[n]t fontem baptismalem prope Ianua[m] maiore[m] eccl[es]iae lapideu[m] tabula copertum et Intrinsecus bene fulcit[um] tela, caret operculo, quod promiseru[n]t procur[ato]res Ibi p[raese]ntes q[uam] primu[m] co[n]ficer[e] cum vase stagni mappa munda et bambaceo, et similiter sacrariu[m], omnia bene clausa et custodita.

Item visitaru[n]t Altare maius In quo reconditur dictus S[anctissi]mu[m] sacrame[n]tu[m], Habet Iconam eiusdem S[anc]ti Leonar<di> et aliorum sanctoru[m], qu<a>e est satis decens et habet o[m]<nia> necessaria, dicta eccl[es]ia Ante erectione[m] In parrochialem habebat prout habet obligatas quasd<am> terras coniunctas appellatas ta docchena In co[n]tra<ta> tal bacchari In accensione lampadis diebus Sabat<i> et festis de pr<a>ecepto de canta[tio]ne primar[um] vesper<arum> cum lentaulo et celebratione unius miss<a>e In eiu<s> festi festivitate, In datione el<e>emosinae tarenoru[m] duoru[m] granor[um] decem R[everen]do cappellano, celebranti possessas per Antonium et Bartho<lo>m<a>eum Mangion eiusdem casalis uti filios et h<a>eredes \con/dam Andre<a>e mangion, qui Antoniu<us et> Bartholom<a>eus....

Comparueru[n]t coram eisdem D[omi]nis asserentes q[uod] cu[m] et antecessores et successive Ipsi accendere soleba[n]<t> lampadem In festo S[anc]ti Leonardi qui erat titulu<s> eiusdem eccl[es]iae, diebus sabathi et alijs festis de p[rae]cep<to> modo volentes continuare eamdem devotionem // [f.372] //

It[em] un incinsiere d'argento

It[em] un aspersorio d'argento

It[em] un paro de ferri p[er] li hostie.

It[em] una coperta di coprire morti negra co[n] la croce bianca.

Qu<a>evis conservantur Intus arcam clave bene custoditam In domo R[everen]di D[omi]ni cappellani clavis vero detine[tur] apud monacum seu sacristam ecclesi<a>e.

"Il-Vista Parrokkjali tal-Knisja
ta' Ħal Kirkop taħt it-titlu ta' San Leonardu

Fis-6 ta' Diċembru, 1600, hija ċċelebrata l-festa ta' San Nikola, saċerdot. L-istess Sinjuri, waqt li l-Wisq Maħbub, il-Wisq Reverendu Sinjur Isqof kien impedit (milli jattendi), resqu lejn Ħal Kirkop li fih dan l-aħħar twaqqfet il-knisja parrokkjali li hija mogħtija l-isem ta' San Leonardu Konfessur, u wara li daħlu, wara li ħadu l-ilma mbierek, huma semgħu wkoll il-quddiesa ċċelebrata mir-Reverendu Dun Karlu Taliana, kappillan tal-istess knisja.

Żaru s-Santissimu Sagrament tal-Ewkaristija miżmum f'pissidi tal-fidda indurat ġewwa tabernaklu tal-injam minn ġewwa, miksi minn barra b'ħarir ta' kulur aħmar, tabilħaqq indurat u mgħotti b'kanopew imdendel (fuqu). Fl-istess tabernaklu nstabet ċerta bieqja tal-injam indurata li fiha jinġarr is-Sagrament lill-morda, għaliex oħra tal-fidda m'għandhomx, għal dik ir-raġuni li l-imsemmija knisja parrokkjali twaqqfet dan l-aħħar, u flus, kif qal l-imsemmi kappillan, ma kellhomx minn fejn setgħu jagħmluha.

Quddiem l-imsemmi Santissimu Sagrament tal-Ewkaristija hemm tliet lampi, in-nofs ta' liema minnhom tinxtegħel kontinwament, imma t-tnejn l-oħra jinxtegħlu fil-jiem tal-Ħdud u l-festi ta' kmandament mill-elemosina miġbura li ssir mill-poplu tal-imsemmija parroċċa.

Żaru wkoll iż-żjut sagri miżmuma f'ċerta kaxxa tal-avorju, u r-reċipjent li fih hemm iż-żejt tal-morda huwa tal-landa, waqt li r-reċipjenti l-oħra, separati, biż-żejt tal-katekumeni u bil-kriżmi, huma wkoll tal-landa, liema tabilħaqq żjut huma mqiegħda bejn it-tieqa u l-Altar Maġġur fuq in-naħa tal-lemin, miksi bi drapp ta' kulur blu b'kanopew tal-ħarir imdendel (fuqu) ta' kulur aħdar.

Żaru wkoll il-fonti tal-magħmudija, li jinsab ħdejn il-bieb maġġur tal-knisja. Hu tal-injam mgħotti b'injama u minn ġewwa miksi tajjeb bi drapp, imma nieqes minn għatu, li l-prokuraturi hemmhekk preżenti wegħdu li jagħmlu mill-aktar fis possibbli, b'vażi tal-landa, purifikatur nadif u tal-qoton, kif ukoll sakrarju, kollha magħluqin tajjeb u mħarsa.

Żaru wkoll l-Altar Maġġur li fih jitqiegħed l-imsemmi Santissimu Sagrament. Għandu pittura tal-istess San Leonardu u qaddisin oħra, li hija sabiħa biżżejjed u għandu dak kollu li hu neċessarju. L-istess knisja, qabel it-twaqqif (tagħha) f'parrokkjali, kellha, kif (fil-fatt) għandha, ċerti artijiet marbuta (magħha) imsejħa "Ta' Dukkiena" fl-inħawi Tal-Baqqari bl-obbligu li tinxtegħel lampa fil-jiem tas-Sibt u fil-festi tal-preċett, li jitkantaw l-ewwel Għosrien b'kolazzjon u ċelebrazzjoni ta' quddiesa waħda fiċ-ċelebrazzjoni tal-festa tagħha, fl-għoti ta' elemosina ta' tarejn u għaxar grammi lir-Reverendu Kappillan hu u jiċċelebra, liema artijiet huma miżmuma minn Antonju u Bartilmew Mangion tal-istess raħal bħala ulied u eredi tal-mibki Indrì Mangion, liema Antonju u Bartilmew....

Dehru quddiem l-istess Sinjuri jgħidu li kemm ta' qabilhom u kemm ta' wara kienu jixegħlu huma nfushom lampa fil-festa' ta' San Leonardu li kien it-titulari tal-istess knisja, fil-jiem tas-Sibt u f'festi oħra tal-preċett biss, waqt li xtaqu li jkomplu bl-istess devozzjoni.

Ukoll ċensier tal-fidda.
Ukoll asperġes tal-fidda.
Ukoll par reċipjenti tal-ħadid għall-ostji.
Ukoll drapp biex jitgħattew il-mejtin, iswed b'salib abjad.

Dawn kollha huma miżmuma ġewwa senduq imħares sewwa b'muftieħ fid-dar tar-Reverendu Sinjur Kappillan; imma l-muftieħ huwa miżmum għand monaku jew is-sagristan tal-knisja."

**Kummentarju**

Minn dan ta' fuq wieħed jinnota li dak iż-żmien il-knisja kellha pissidi tal-fidda indurat, pissidi ieħor tal-injam, tabernaklu tal-injam u bieqja tal-injam indurati. Dawk ir-reċipjenti taż-żjut li kienu jibqgħu fil-knisja kienu tal-avorju, u dawk li kienu jintużaw għall-morda u għall-katekumeni, jiġifieri dawk li kellhom jirċievu l-Magħmudija fl-Għid Imqaddes, kienu tal-landa. Dan juri l-faqar li dak iż-żmien kienet tinsab fih il-knisja, tmien snin biss wara li saret parroċċa. Dan stqarru kemm il-kappillan kif ukoll il-prokuraturi meta spjegaw għaliex il-fonti tal-magħmudija ma kellux għatu. Dan tal-aħħar dejjem kien fejn il-bieb ta' barra fejn jinsab illum.

Mid-deskrizzjoni ta' fejn kienu jinżammu dawn iż-żjut sagri, wieħed jista' jieħu idea ta' kif kienet il-knisja qabel ma bdiet titkabbar. Il-knisja oriġinali li fl-1592 saret parroċċa kienet rettangulari, jiġifieri, mingħajr kappelluni, u kellha żewġt itwieqi, waħda fuq kull naħa, tant li dawn iż-żjut kienu jinżammu mal-ħajt bejn waħda minn dawn it-twieqi u l-Altar Maġġur, li probabbilment baqa' fejn jinsab illum, mingħajr kor warajh. Meta r-rapporti ta' dawn il-visti pastorali jsemmu lemin jew xellug, dejjem wieħed ikun qed iħares minn fuq l-altar lejn il-bieb ta' barra. Għalhekk, dawn iż-żjut fuq in-naħa tal-lemin tal-Altar

Maġġur kienu fuq in-naħa tat-Tramuntana, jiġifieri, fuq in-naħa tal-Pjazza tal-Knisja.

Dettall ieħor hu r-referenza għall-bieb maġġur. Jekk kien hemm bieb maġġur, allura kien hemm bibien laterali, wieħed fuq kull naħa, li l-fetħiet tagħhom kienu ġew imbarrati bil-ġebel u issa bdew jerġgħu jidhru proprju għaliex tneżżgħu mit-tkaħħil tagħhom. Dawn il-bibien tneħħew meta saru żewġ bibien oħra li llum iwasslu għall-kappelluni. Dan kollu jikkonferma li l-korsija tan-nofs hija l-parti l-qadima tal-knisja li sab Dun Karlu Taliana, l-ewwel Kappillan ta' Ħal Kirkop.

Dettal ieħor huwa dak tal-pittura li kien proprju fuq l-Altar Maġġur. Dan ifisser li ma kinitx fuq xi altar tal-Kor kif għandna llum. Ifisser mela li l-Kor kien ineżistenti, u bħal knejjes oħra medjevali li kienu nbnew qabel il-Konċilju ta' Trentu, bħal-Lunzjata li reġgħet inbniet fuq l-istess pedamenti u stil, din il-Knisja Parrokkjali kienet eżattament rettangulari, b'żewġt itwieqi, b'żewġ altari laterali, u b'żewġ bibien laterali, kollha wieħed fuq kull naħa, u bieb faċċata tal-altar.

Din il-pittura tat-titular, l-ewwel waħda li tissemma f'Ħal Kirkop sa mill-bidu nett, kellha fiha mhux biss lil San Leonardu, imma wkoll qaddisin oħra. Mill-vista pastorali tal-1685, li ttrattajna s-sena l-oħra,[1] nafu li din il-pittura kienet tirrappreżenta fil-parti ta' fuq lit-Trinità Mqaddsa tinkuruna lill-Madonna, u fil-parti ta' isfel lil San Leonardu flimkien ma' San Ġwann il-Battista u San Anton Abbati. Id-dħul ta' dawn iż-żewġ qaddisin ma' San Leonardu setgħu kienu l-qaddisin li għalihom il-benefatturi ta' din il-pittura ssemmew, Ġwanni Battista u Antonju. Imma rridu nżommu quddiem għajnejna wkoll li fil-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar hemm xi pitturi li fihom San Anard jidher flimkien ma' San Ġwann il-Battista. Fl-eqdem minnhom, dik li kienet fil-Knisja ta' Santa Marija f'Ħaż-Żabbar imsejħa "Tal-Indirizz", il-Madonna hija inkurunata mingħajr il-preżenza tat-Trinità Qaddisa (il-kuruni huma maqlugħa u murija apparti), waqt li f'oħra magħmula riċenti bħala replika, San Anard u San Ġwann il-Battista jidhru mal-Madonna qegħda tiġi inkurunata mit-Trinità Qaddisa. Il-pittura ta' raħalna kienet tmur lura għal għexieren ta' snin, saħansitra minn qabel l-1592 meta Ħal Kirkop sar parroċċa, tant li l-Isqof Pietru Dusina diġà kien qed jirreferi għaliha bħala mpittra fuq l-injam.[2] Kieku Dun Karlu Taliana għamel din il-pittura bejn l-1592 u l-1600, is-sena li fiha saret din il-vista pastorali, kieku kien jingħad li din il-pittura saret ġdida. Din il-pittura kienet *satis decens*, jiġifieri, tgħaddi.

Din il-vista pastorali ssemmi wkoll ċensier tal-fidda, asperġes tal-fidda, par reċipjenti tal-ħadid biex jinġarru l-ostji, differenti mill-bieqja tal-injam





indurata li kienet tinżamm fit-tabernaklu, u drapp biex jgħatti t-tebut fil-funeral. Għal dawn kollha ma kienx hemm gwardarobba fil-knisja biex jintrefgħu, imma kienu jinżammu f'kaxxa fid-dar tal-Kappillan, li setgħet kienet tmiss ma' wara tal-knisja, bħalma

bosta knejjes medjevali kellhom, u mħabba sigurtà, lanqas l-istess Kappillan ma kien iżomm il-muftieħ ta' dik il-kaxxa, imma kien irid imur jew għand raħeb jew għand is-sagristan biex jiftaħlu dik il-kaxxa. Dan ifisser li fir-raħal ta' Ħal Kirkop jissemma għall-ewwel darba raħeb li kien eremita jgħix waħdu imma fil-parroċċa. Kien bniedem li tista' tafdah b'muftieħ, bħalma kien is-sagristan. Dawn it-tnejn ma kellhomx aċċess għal din il-kaxxa li ma kienx għall-kappillan li kien jiftħilhom il-bieb ta' daru biex jidħlu għaliha.

Jissemmew ukoll xi flus, jiġifieri, tarejn u għaxar grammi. Tarì kien jiswa żewġ karlini, kważi 7 mills tal-lira Maltija, jiġifieri, 1.63c. tal-ewro. Gram kien 1/12 ta' tarì, u għalhekk, 10 grammi kienu jiswew 0.83 tarì, jew 0.58 mills, jew 1.35c. tal-ewro. B'kollox, mela, tarejn u għaxar grammi kienu jammontaw għal 4.61c. tal-ewro. Meta tqabbel din l-elemosina ma' dik li tingħata llum f'Malta, €5, wieħed ikun jista' jikkonkludi li l-ħajja f'dawn l-aħħar 417-il sena għoliet għal 108, jew li €1 kien ekwivalenti għal 0.0092c. ta' dak iż-żmien, jiġifieri, inqas minn ċenteżmu tal-ewro. Dawn il-flus kienu jitħallsu lill-Kappillan, Dun Karlu Taliana, biex jiċċelebra quddiesa fil-festa. Barra minn dawn il-flus, kien hemm familja, Mangion, li kienet wiegħdet li tieħu ħsieb tara li tinxtegħel il-lampa kull nhar ta' Sibt u kull festa ta' obbligu ta' smigħ il-quddies, li jitkantaw l-ewwel għosrien, jiġifieri, vespri fil-festa, u li wkoll fil-festa jingħata kolazzjoni lil kull min kien jattendi, li kien jikkonsisti f'ħobż.

Jissemmew ukoll artijiet imsejħa "Ta' Dukkiena" f'Tal-Baqqari. Dawn l-artijiet jissemmew għall-ewwel darba fil-5 ta' Mejju, 1526.[3] Dukkiena tfisser bank jew xkaffa tal-ġebel. Tal-Baqqari kien raħal fuq il-Lvant taż-Żurrieq li wieħed jasal għalih mit-triq ta' wara l-mitħna tax-Xarolla. Jissemma l-ewwel darba fl-1419 fil-lista tal-milizja,[4] lista ta' nies minn Malta u Għawdex kollu li kienu jissejħu biex iħarsu x-xtut tagħna mill-għadu. "Baqqari" għandha x'taqsam mal-baqar, jew ma' min kien isuqhom u jieħu ħsiebhom. F'dan il-post għadhom jidhru fdalijiet ta' knisja Biżantina.

Dwar Dun Karlu Taliana konna tkellimna 17-il sena ilu.[5] Dun Karlu Taliana, bin Marjanu, twieled f'Ħal Luqa fl-1 ta' Jannar, 1561.[6] Kien ħu Dun Kożmanu u neputi ta' Patri Damjan Taliana O.P.[7] Jissemma fil-Vista Appostolika li l-Isqof Pietro Dusina għamel f'Malta, fejn stqarr meta ġie interrogat minnu li kien ħa t-tonsura, jiġifieri, li qatgħulu x-xagħar madwar il-qurriegħa, fi żmien l-Isqof Fra Martino Royas. Dakinhar ta lil dak l-isqof moxt, dvalja, imqass u xamgħa.[8] Dak iż-żmien hu kien jaf jaqra u jifhem bil-Latin, imma ma kienx jaf jikteb.[9] Bejn l-1576 u l-1590 akkwista dawn il-benefiċċji: San Bartilmew ta' Dwiemes u ta' Ħerri f'Ta' Luna fl-14 ta' Jannar, 1576;[10] Delli Bernardi fil-5 ta' Ottubru, 1577;[11] San Indrì tal-Birgu fit-12 ta' Ottubru, 1590,[12] u ta' Żafira fl-10 ta' Diċembru, 1590.[13] Fit-23 ta' Settembru, 1580, mar Messina biex jistudja l-letteratura.[14] Ġie mogħti legat kif jidher fl-Atti tan-Nutar Andrea Albano tal-15 ta' Diċembru, 1584.[15] Sar qassis fis-6 ta' April, 1585,[16] u beda jservi bħala Kurat u Koġitur fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fl-4 ta' Lulju, 1586.[17] Fil-11 ta' Ġunju, 1586, huwa, fuq talba tiegħu lill-Isqof Tommaso Gargallo, ingħata t-titlu ta' Kanonku Onorarju tal-Katidral.[18] Bejn l-1589 u l-1590 kien Kurat fil-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi.[19] Sar l-ewwel Kappillan ta' Ħal Kirkop fid-29 ta' Mejju, 1592, bir-responsabbiltà ta' tliet parroċċi: Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba. Jidher, però, li kien diġà beda jamministra s-Sagramenti mill-10 ta' Jannar, 1592.[20] Meta l-Imqabba u Ħal Safi opponew li jibqgħu taħt Ħal Kirkop, xorta Dun Karlu Taliana baqa' jamministralhom is-Sagramenti, imma minn Birmiftuħ.[21] Huma nfirdu minn Ħal Kirkop fl-1 ta' April, 1596, u fis-27 ta' Diċembru, 1597 rispettivament,[22] waqt li huwa baqa' jżomm sa mewtu d-dritt li jieħu minn dawk iż-żewġ irħula l-ewwel frott (*primitiae*) li s-soltu kienu jingħataw lill-Kappillani, minkejja l-protesti tal-Kappillani ġodda tagħhom.[23] Bejn l-1595 u l-1600, u anke fl-1618, Dun Karlu Taliana għadda minn kriżi kbira minħabba akkużi miġjubin kontrih, tant li għamel żmien barra mir-raħal u sospiż milli jeżerċita l-ministeru pastorali





tiegħu.[24] Fl-1600 huwa reġa' kiseb il-fiduċja tal-parruċċani tiegħu meta akkwistalhom sfera tal-fidda minn Napli.[25] Wara 29 sena ta' parrokat, il-Kappillan Taliana kien għadu jilmenta, fl-1621, li ma kellux post fiss fejn jabita. Huwa ndifen barra mir-raħal fit-3 ta' Frar, 1629,[26] u għal xi żmien pittura li ġġib lilu kienet tinstab fuq id-daħla tas-sagristija ġewwa l-Lunzjata, almenu sal-1634.[27] Is-suċċessur tiegħu kien Dun Alessandru Bellia, li nħatar fil-21 ta' Frar, 1629.[28]

Jissemmew ukoll Antonju u Bartilmew Mangion, ulied Indrì. Dan tal-aħħar jissemma fil-Vista Appostolika li l-Isqof Pietro Dusina għamel f'Ħal Kirkop fl-1575 kif ġej:

*Andreas Mangiun qui possidet territorium in contrata del Baccari, occasione illius tenetur in eadem in die festivitatis celebrari facere vesperas, et missam, et accendere lampadam in diebus festivis, et dare anno quolibet parrocho di Birmiftù celebranti pullum gallinacium, duos panes, et vinum.*[29]

"Indrì Mangion, li għandu art fl-inħawi Tal-Baqqari, permezz tagħha huwa miżmum li jara li fl-istess (knisja) fil-jum tal-festa jiġu ċċelebrati l-għosrien u quddiesa u li jixgħel lampa fil-jiem tal-festi, u li kull sena jagħti lill-Kappillan ta' Birmiftuħ li jkun qed jiċċelebra; serduq, żewġ ħobżiet u nbid."

L-istess Indrì Mangion kien jara li ssir il-festa fil-Knisja ta' San Nikola li kienet teżisti fuq in-naħa tax-xellug int u dieħel fil-mina minn Ħal Kirkop.[30] Dan jgħidu l-istess Isqof Pietro Dusina:

*Visitavit Ecclesiam ruralem Sancti Nicolai constructam in via, qua itur ad Cappellam Birmiftù in territorio Percopo, quae caret rectore, introitibus, et ornamentis, sed Andreas Mangion, qui possidet terras in contrata Maccario, illius occasione tenetur in eadem, in die festivitatis, celebrari facere vesperas, et missam.*

"Żar il-knisja rurali ta' San Nikola mibnija mat-triq, li minnha wieħed imur lejn il-Kappella ta' Birmiftuħ, fl-inħawi ta' Ħal Kirkop, li għandha nieqsa rettur, dħul u dekorazzjonijiet. Imma Indrì Mangion, li għandu artijiet fl-inħawi ta' Makarju, bis-saħħa t'hekk huwa miżmum li fl-istess (knisja), fil-jum tal-festa, jara li jkunu ċċelebrati l-għosrien u quddiesa."

B'"Maccario" hawn wieħed jifhem "Baqqari", bit-Taljan "Vaccari" minn "vacca", jiġifieri "baqra". Il-probabbiltà hi l-manuskritt kellu "Vaccario".

Indrì Mangion kien miżżewweġ lil Vennera u kellhom dawn it-tfal, kollha mgħammdin f'Birmiftuħ skont dawn id-dati: Ġakba (8 ta' Mejju, 1558), Duminka (13 ta' Frar, 1560), Antonju (18 ta' Jannar, 1562), Ġorġ (4 ta' Ġunju, 1564), Ġovanna (25 ta' April, 1567), Marju (8 ta' Marzu, 1570), u Bartilmew (29 ta' Awwissu, 1572): b'kollox, sebat itfal.[31] Indrì miet qabel l-1592, u ndifen f'Birmiftuħ, waqt li Vennera mietet f'Ħal Kirkop fis-27 ta' Jannar, 1602, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali.[32]

Antonju Mangion, bin Bartilmew, iżżewweġ lil Duminka Camilleri, bint Mikiel u Bernarda, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq fid-29 ta' Settembru, 1594,[33] u kellhom żewġt it-tfal, it-tnejn mgħammda f'Ħal Kirkop skont dawn id-dati: Margerita[34] (19 ta' Diċembru, 1593) u Marjetta[35] (23 ta' Marzu, 1601).[36] Antonju u Duminka Mangion, bit-tfal tagħhom, għexu u mietu barra mir-raħal.

Bartilmew, ħu Antonju, iżżewweġ lil Ġlorma Bonnici, bint Kosmanu u Ventura Abela, fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fit-3 ta' Ottubru, 1599,[37] u kellhom dawn it-tfal, kollha mgħammda f'Ħal Kirkop skont dawn id-dati: Ġwanni Indrì[38] (28 ta' Mejju, 1600), Antonju[39] (18 ta' Jannar, 1602), Ġwanni Marija (28 ta' Jannar, 1603), Marjetta[40] (10 ta' Diċembru, 1605), Bastjan[41] (21 ta' Jannar, 1608), Lazzru[42] (21 ta' Frar, 1610), Ventura (15 ta' Lulju, 1612), Skolastika[43] (22 ta' Frar, 1615), u Ġwanni Duminku[44] (24 ta' Awwissu, 1621): b'kollox disat itfal.[45] Jidher li Bartilmew u Ġlorma Mangion kellhom tifla oħra mhux mgħammda f'Ħal Kirkop. Din kienet Vittorja, li żżewġet lil Ġwanni Marija Spiteri, bin Nikola u Duminka, mill-Qrendi, fid-29 ta' Settembru, 1635, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[46] Bartilmew miet f'Ħal Kirkop fit-2 ta' Ġunju, 1644, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop,[47] waqt li martu, Ġlorma, mietet f'Ħal Kirkop fil-25 ta' Novembru, 1662, nhar Santa Katerina, il-patruna ta' pajjiżha, u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.[48]

Il-familja tiegħi tiġi minn Indrì Mangion u Vennera b'dan il-mod:

1. Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Żejtun) > Carlo Caruana-Verginia Tabone > Antonju Tabone-Pawla Bonnici > Mikiel Anġlu Tabone-Annunzjata Desira > Anġlu Tabone-Tereża Gatt > Marju Tabone-Veneranda Magro > Anġlu Tabone-Grazzja Azzopardi > Duminku Azzopardi-Katerina Caruana > Orazju Caruana-Ġeronima Mizzi > Indrì Caruana-Skolastika Mangion (Kirkop) > **Bartilmew Mangion**-Ġeronima Bonnici (Żejtun) > **Indrì Mangion-Vennera** (Kirkop/Birmiftuħ); u
2. Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Żejtun) > Carlo Caruana-Verginia Tabone > Karmelu Caruana-Katerina Attard > Franġisku Caruana-Marija Farrugia > Mikiel Farrugia-Ġeronima Montebello > Mikiel Montebello-Katerina Caruana > Ġużeppi Montebello-Marija Marmara' > Gejtanu Montebello-Katerina Tabone > Anġlu Tabone-Grazzja Azzopardi > Duminku Azzopardi-Katerina Caruana > Orazju Caruana-Ġeronima Mizzi > Indri

Caruana-Skolastika Mangion (Kirkop) > **Bartilmew Mangion**-Ġeronima Bonnici (Żejtun) > **Indrì Mangion-Vennera**; u

3. Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Żejtun) > Carlo Caruana-Verginia Tabone > Karmelu Caruana-Katerina Attard > Mikiel Attard-Grazzja Darmanin > Gejtanu Attard-Katerina Farrugia> Mikiel Attard-Roża Montebello > Gejtanu Montebello-Katerina Tabone > Anġlu Tabone-Grazzja Azzopardi > Duminku Azzopardi-Katerina Caruana > Orazju Caruana-Ġeronima Mizzi > Indrì Caruana-Skolastika Mangion (Kirkop) > **Bartilmew Mangion**-Ġeronima Bonnici (Żejtun) > **Indrì Mangion-Vennera**;
4. Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Żejtun) > Joseph Consiglio-Verginia Grasso (Tarxien) > Emanuel Grasso-Lawrenza Pace (Cospicua) > Feliċ Pace-Marija Chetcuti > Franġisku Chetcuti-Anġela Muscat (Gudja) > Stiefnu Muscat-Marija Galea > Anġlu Galea-Saveria Barbara > Indrì Barbara-Marija Dalli > Indrì Dalli-Sapjenza Ellul > Mattew Ellul-Tereża Camenzuli (Kirkop) > Paskal Camenzuli-Grazzja Saliba > Mattew Saliba-Margerita Mangion > **Antonju Mangion-Duminka Camilleri** (Żurrieq) > **Indrì Mangion-Vennera**;
5. u Jerome Vella > Horatio Vella-Vivienne Caruana > Paolino Caruana-Mary Consiglio (Żejtun) > Carlo Caruana-Verginia Tabone > Antonju Tabone-Pawla Bonnici > Kalċedonju Bonnici-Annunzjata Pisani (Tarxien) > Lazzru Bonnici-Lawrenza Calleja (Żejtun) > Ġużeppi Calleja-Ġużeppa Saliba (Għaxaq) > Ġwanni Saliba-Marija Agius (Żebbuġ) > Ġużeppi Saliba-Duminka Cap (Qormi) > Tumas Saliba-Katerina Zahra (Qrendi) > Franġisku Saliba-Katerina Psaila (Kirkop) > Mattew Saliba-Margerita Mangion > **Antonju Mangion**-Duminka Camilleri (Żurrieq) > **Indrì Mangion-Vennera**.

**Konklużjoni**

Minn dan ir-rapport tal-vista pastorali li l-aġenti ta' Mons. Tommaso Gargallo għamlu f'Ħal Kirkop fl-1600, wieħed jinnota li l-Knisja kienet rettangulari, b'żewġt itwieqi laterali, b'żewġ bibien laterali u bieb maġġur. Ma kellhiex Kor, imma kellha pittura fuq l-uniku altar li jissemma, dak maġġur, li fih kienu jidhru s-Santissima Trinità, il-Madonna Inkurunata, San Leonardu, San Ġwann Battista u San Anton Abbati. Dan l-Altar Maġġur kienu jieħdu ħsiebu fil-festi Antonju u Bartilmew Mangion, ulied Indrì, minn dħul ta' għalqa msejħa "Ta' Dukkiena" f'Tal-Baqqari, limiti taż-Żurrieq.

*Horatio Caesar Roger Vella huwa Professur tal-Latin u tal-Grieg fl-Università ta' Malta.

**Abbrevjazzjonijiet**

A.A.M.: Arkivju Arċiveskovili Malta
A.I.M.: Arkivju Inkwiżizzjoni Malta
A.K.V.M.: Arkivju Kurja Veskovili Malta
*A.O.*: *Acta originalia*
A.P.K.Għ.: Arkivju Parrokkjali Katidral Għawdex
A.P.S.: Arkivju Parrokkjali Siġġiewi
A.P.V.P.S.: Arkivju Parrokkjali Valletta Portu Salvu
A.P.Żejt.: Arkivju Parrokkjali Żejtun
A.P.Żur.: Arkivju Parrokkjali Żurrieq
*Col. Ben.*: *Collazione dei Benefizi*
*F.B.*: *Fondo Benefici*
*V.P.*: *Vista Pastorali*

**Bibljiografija**


Aquilina, G. u S. Fiorini edi (2001). *Documentary sources of Maltese history. Part IV: Documents at the Vatican. No. 1: Archivio Segreto Vaticano. Congregazione Vescovi e Regolari. Malta: Visita Apostolica no. 51. Mgr Petrus Dusina, 1575*. Malta, Malta University Press.

Borg, V. (2009). *Melita sacra II. The Maltese Diocese during the sixteenth century*. Malta, Gutenberg Press Ltd.

Ferres, A. (1866). *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*. Malta.

Vella, H.C.R. (2000). *L-Ewwel reġistru tal-Parroċċa ta' Ħal Kirkop. 1592-1679*. F'H.C.R. Vella ed., *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru*. Imsida, Malta, Università ta' Malta, 48-141.

Vella, H.C.R. (2006). *Indiċi ta' ismijiet ta' nies minn Ħal Kirkop li jinsabu mniżżla fir-reġistri taż-żwiġijiet, magħmudijiet u mwiet f'Birmiftuħ u f'Ħal Kirkop mill-1550 sal-1840*. Birkirkara, Malta, Concept Communications Ltd.

Vella, H.C.R. (2016). "Il-vista pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel f'Ħal Kirkop fit-3 ta' Mejju, 1685 fi żmien il-Kappillan Dun Duminku Farrugia", *Festa San Ġużepp, Ħal Kirkop*, 138-150.

Wettinger, G. (2000). *Place-names of the Maltese Islands ca. 1300-1800*. Malta, Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.


**Referenzi**

[1] H.C.R. Vella (2016), 138-150.
[2] P. Dusina (1575), f.90, f'G. Aquilina u S. Fiorini edi (2001), 120: *quae Ecclesia habet altare cum incona lignea*.
[3] Atti Nutar C. Canchur, Arkivju Notarili Valletta, reġistru 140/11, f.66v., f'G. Wettinger (2000), *s.v.* "Dukkiena".
[4] Arkivju tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, *Mixxellanja* 437/3, f.25, f'G. Wettinger (2000), *s.v.* "Baqqari".
[5] H.C.R. Vella (2000), 131.
[6] A.A.M., *Scritture del' 500*, Kaxxa 10, nru 9, f.1, f'V. Borg (2009), 393.
[7] A.A.M., *Scritture del' 500*, Kaxxa 10, nru 9, f.1, f'V. Borg (2009), 393.

[8] P. Dusina (1575), f.245v., f'G. Aquilina u S. Fiorini edi (2001), 246: *Clericus Carolus Taliana Melitensis qui examinatus ad interrogationem respondit: quando hebbi la prima tonsura da Monsignor Vescovo moderno, li diedi lo pettine, tovaglia, forfici, et candela.*
[9] P. Dusina (1575), f.289v., f'G. Aquilina u S. Fiorini edi (2001), 278-279: *Clericus Carolus Taliana Melitensis fuit examinatus super eius sufficientia legit, et latinos sermones super prima regula intelligit sed nescit scribere.*
[10] A.A.M., *F.B., Col. Benef.* 1566-1582, f.173, f'V. Borg (2009), 393.
[11] A.A.M., *V.P. Cagliares 1515-1516*, f.122v., f'V. Borg (2009), 393.
[12] A.A.M., *V.P. Cagliares 1618*, f.73v., f'V. Borg (2009), 393.
[13] A.A.M., *V.P. Cagliares 1618*, f.73v., f'V. Borg (2009), 393.
[14] A.A.M., *Atti civili I*, f.64v., f'V. Borg (2009), 393.
[15] A.I.M., *Reverenda fabrica, Disp.* I, f.82, f'V. Borg (2009), 393.
[16] A.A.M., *V.P. Cagliares 1615-1616*, f.122v., f'V. Borg (2009), 393.
[17] A.A.M., *F.B., Col. Benef. 1577-1605*, 12v.-13, f'V. Borg (2009), 322.
[18] A.A.M., *F.B., Col. Benef. 1577-1609*, ff.12v.-13, f'V. Borg (2009), 393. Jekk b'Kanonku nifhmu Monsinjur, allura Dun Karlu Taliana kien l-ewwel Kappillan f'Ħal Kirkop b'dak it-titlu.
[19] A.P.S., *Liber baptizzatorum*, Vol. I, ff.70-71, f'V. Borg (2009), 394.
[20] H.C.R. Vella (2006), 114, mhux fl-1 ta' Jannar, 1592, bħal f'V. Borg (2009), 512.
[21] H.C.R. Vella (2000), 129-130.
[22] H.C.R. Vella (2000), 114, u 130-131.
[23] A.A.M., *Scritture del' 500*, f.4v-5, f'V. Borg (2009), 307-308, u 349.
[24] H.C.R. Vella (2000), 131, u V. Borg (2009), 394.
[25] A.C.E.M., *A.O.* 81, ff.250-251, f'V. Borg (2009), 394.
[26] A. Ferres (1866), 433.
[27] H.C.R. Vella (2000), 131.
[28] A. Ferres (1866), 433.
[29] P. Dusina (1575), f.90-90v., f'G. Aquilina u S. Fiorini edi (2001), 120.
[30] H.C.R. Vella (2000), 125-126. Għalhekk, din ma kinietx tmiss mal-Knisja ta' San Leonardu, bħal f'V. Borg (2009), 512.
[31] H.C.R. Vella (2006), 67-69.
[32] H.C.R. Vella (2006), 176.
[33] A.P.Żur., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[34] Margerita Mangion iżżewġet lil Mattew Saliba miż-Żurrieq fid-29 ta' April, 1618, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 104). Hija mietet f'Ħal Kirkop u ndifnet fil-Knisja Parrokkjali fl-24 ta' Ottubru, 1660 (H.C.R. Vella {2006}, 177).
[35] Majetta Mangion iżżewġet lil Pawlu Vella, bin Duminku, minn Ħaż-Żabbar fit-12 ta' Ottubru, 1625, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 105).
[36] H.C.R. Vella (2006), 145.
[37] A.P.Żejt., *Liber matrimoniorum, sub die matrimonii.*
[38] Mastru Ġwanni Indrì *sive* Indrì Mangion miet f'Ħal Kirkop fil-5 ta' Jannar, 1635, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 176).
[39] Antonju Mangion iżżewweġ lil Wiġa fl-24 ta' Ġunju, 1646, fil-Knisja tal-Portu Salvu fil-Belt Valletta (A.P.V.P.S.).
[40] Marjetta Mangion iżżewġet lil Ġwanni Farrugia, bin Orlandu u Antonina, minn Ħal Tarxien, fil-25 ta' Awwissu, 1630, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 97). Meta romlot, hija żżewġet lil Pietru Farrugia, armel ta' Iżabella, bin Marku, minn Ħal Kirkop, fl-24 ta' Settembru, 1634, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 98).
[41] Bastjan Mangion iżżewweġ lil Kjara Apap, bint Mastru Ġwanni u Marjetta Cremona, minn Għawdex, fil-Knisja Matriċi t'Għawdex fit-13 ta' Ottubru, 1647 (A.P.K.Għ).
[42] Lazzru Mangion miet f'Ħal Kirkop fit-28 ta' Ottubru, 1627, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 176).
[43] Skolastika Mangion iżżewġet lil Indrì Caruana, minn Ħal Safi, fil-15 ta' April, 1644, fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 93).
[44] Ġwanni Duminku *sive* Duminku Mangion miet f'Ħal Kirkop fis-26 ta' Jannar, 1662, u ndifen fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop (H.C.R. Vella {2006}, 175)..
[45] H.C.R. Vella (2006), 144-146.
[46] H.C.R. Vella (2006), 104.
[47] H.C.R. Vella (2006), 175.
[48] H.C.R. Vella (2006), 176.